MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Rikors Numru. 39/2001/1

**Grech & Co. Limited**

**Vs**

**Emanuel Ciantar**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta’ Grech & Company Limited fejn tesponi bir-rispett:-

Illi s-socjeta’ Grech & Co. Limited tikri minghand l-intimat il-fond bla numru izda bl-isem ta’ “Ciantar Garage” li jinsab f’Simpson Street, Marsa bil-kera ta’ lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1.25) kujum liema kera tithallas kull sitt xhur bil-quddiem bl-iskadenza li jmiss fl-ewwel ta’ Lulju 2001.

Illi fil-5 ta’ Mejju 2001 is-socjeta’ rikorrenti giet notifikata b’ittra ufficjali datata 27 ta’ April 2001 fejn giet mgharrfa li

l-intimat bi hsiebu jgholli l-kera ta’ l-imsemmi fond ghal hames liri Maltin (Lm5) kuljum.

Illi z-zieda fil-kera mitluba mill-intimat hija ingusta u fi kwalumkwe kaz il-kera xierqa ghadha tigi stabilita mill-Bord ai termini tal-ligi.

Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu ma jawtorizzax l-gholi tal-kera ta’ l-imsemmi fond kif mitlub mill-intimat fl-imsemmija ittra ufficjali tieghu.

Ra r-risposta tal-intimat Emanuel Ciantar fejn jesponi bir-rispett:-

Illi l-kera ta’ Lm1.25 kuljum ghall-fond mertu ta’ dan ir-rikors hija zgur baxxa wisq u timmerita awment, b’dana illi l-kera ta’ Lm5 kuljum kif mitlub mis-sid permezz ta’ l-ittra ufficjali tieghu hija wahda ekwa u guista.

Illi altrimenti l-esponent jissottometti ruhu ghad-decizjoni ta’ dan il-Bord.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra d-digriet tieghu tat-23 ta’ Gunju 2003 li bih gew nominati periti teknici l-AIC Fredrick Valentino u l-AIC John Sciberras.

Ra r-relazzjoni ta’ l-imsemmija periti teknici.

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet li aktarx tennew dak li ntqal qabel id-digriet tat-23 ta’ Gunju 2003.

Billi mir-rapport tal-periti il-kera li tithallas illum – lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu kuljum tithallas kull sitt xhur bil-quddiem – diga hija izjed minn erbghin fil-mija (40%) li bih kien jinkera jew seta jinkera l-fond qabel l-erbgha ta’ Awissu 1914 a tenur ta’ l-artikolu 4B tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta (qabel artikolu 5B tal-Kap 109) jilqa` t-

talba tas-socjeta` rikorrenti; spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------